MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2010

Numru 2/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Micallef Grimaud).**

**Vs**

**Anthony Buhagiar, Philip Bezzina, John Fenech,**
**Joseph Gatt u Victor Zarb.**

**Illum il-25 ta’ Mejju tas-sena 2010.**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputati datata l-hmistax (15) ta’ April tas-sena 2005, billi fuq kwerela ta’ Victor Vassallo kif indikat fil-komparixxi, l-imputati fuq

indikati gew mixlija talli, bhala membri tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-Koperattiva ta' Min Irabbi l-Majjal Limited, f' dawn il-Gzejjer, fis-sebgha u ghoxrin (27) t' April tas-sena 2004, u fil-granet sussegwenti, taw malafama lill-imsemmi Victor Vassallo permezz ta' ittra datata s-sebgha u ghoxrin (27) t' April, tas-sena 2004, bi ksur tal-artikolu 11 tal-Ligi tal-Istampa, Kap 248;

Ezaminat id-dokumenti esebtiti;

Rat il-verbal datat il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju tas-sena 2010, li permezz tieghu il-partijiet kollha involuti informaw lill-Qorti li ma kellhom l-ebda oggezzjoni li x-xhieda mismugha minn din il-Qorti diversament preseduta kellhom jittiehdu daqs li kieku gew mismugha minn din l-istess Qorti kif preseduta;

Semghet ix-xhieda l-ohra mismugha direttament minnha kif preseduta;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi issa qieghda f' posizzjoni li tikkonkludi l-vertenza a bazi tar-rizultanzi;

Illi effettivament din il-vertenza tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti;

1. Illi l-kwerelant Vassallo hassu malafamat b' ittra datata s-sebgha u ghoxrin (27) t' April tas-sena 2004, mahruga u cirkolata lill-membri tal-Koperattiva de quo taht il-firma tas-segretarju taghha f' isem u ghan-nom tal-Kumitat tat-Tmexxija ta' l-istess Koperattiva;

2. Illi in sintesi din l-ittra tikkontjeni s-segwenti fil-konfront tal-kwerelant;

I. Illi l-istess Kumitat hass li hemm bzonn li tohrog sejha ghall-applikazzjonijiet ghat-tkomplija ta' struttura ghat-"Terminal Sire Unit", kif minnha stess indikata;

II. Illi l-Koperattiva ma kienitx ser tqassam aktar fhula tal-kwerelant Vassallo lill-membri taghha;

3. Illi minn spezzjoni li kienet saret fit-"Terminal Sire Unit" tal-kwerelant irrizulta is-segwenti:

I. Illi kellu majjala tal-tip Hampshire meta mhux suppost;

II. Illi kellu majjala bajda meta mhux suppost;

III. Illi l-provenjenza ta' din l-istess majjala bajda kienet skonoxxuta;

IV. Illi l-istess kwerelant baqa' jzomm fahal ghal madwar sitt (6) snin, meta hu indispensabbli li jkun sostitwit qabel biex jiggedded id-demm;

4. Illi inoltre jirrizulta li wara li kien ghalaq il-kuntratt tal-kwerelant u li dan kien ha l-majjali tieghu l-biccerija ghal qatla, irrizulta li kien ha wkoll majjala ohra ta' kulur abjad;

5. Illi dawn iz-zewg majjaliet bojod ma kienux tar-razza pattwita u kellhom jigu immedjatament rapportati lill-Koperattiva biex tittiehed l-azzjoni necessarja;

Ikkunsidrat;

Illi l-kwerelant Vassallo hassu malafamat bl-esposizzjoni ta' dawn il-fatti kif hekk cirkolati lill-membri l-ohra tal-Koperattiva u kien ghalhekk li ta' bidu ghall-procedura odjerna permezz tal-kwerela tieghu datata is-sitta (6) t' April, tas-sena 2005;

Ikkunsidrat;

Illi minn analizi tax-xhieda esposta jirrizulta sintetikament is-segwenti:

1. Illi meta xi dipendenti tal-Koperattiva marru jispezzjonaw il-“farm” tal-kwerelant effettivament sabu majjala bajda ghandu, li minn spezzjoni ftit aktar dettaljata minn nies t’ esperjenza f’ dan il-kamp jirrizulta li kienet gia` weldet xi frieh;

2. Illi meta xi sena jew aktar wara dan l-espisodju l-istess kwerelant kien ha l-majjali tieghu l-biccerija biex jinqatlu, instab li addirittura kellu majjala ohra ta’ kulur abjad li hi wkoll kellha sinjali evidenti li kienet gia’ kellha l-frieh wkoll;

3. Illi jirrizulta assodat li l-kwerelant kien tenut irabbi biss fis-“Sire Unit” tieghu majjali tat-tip Duroc u Hampshire li huma ta’ kulur ahmar u iswed b’ rig abjad, u li dan kellu jkun b’ mod esklussiv biex jissalvagwardja l-kwalita`;

4. Illi effettivament kien ritenut mir-rapprezentanti tal-Koperattiva li appena rahhal jew produttur tal-majjali jigi fil-pussess ta’ majjali bojod, hu kellu d-dover jinforma lill-Koperattiva b’ dan biex din tiehu l-passi rimedjali xierqa;

5. Illi minn naha tieghu l-kwerelant Vassallo jsostni li l-majjali bojod li kellu twieldu ghandu minn stokk li hu kien ircieva mill-istess Koperattiva;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tal-posizzjoni tal-kwerelant li l-majjaliet bojod twieldu ghandu u kienu dawn it-tnejn biss li hu kellu, ma jirrizultax suffragat mix-xhieda mismugha stante li jirrizulta minflok:

i. Illi z-zewg majjaliet bojod kienu ta’ certa eta`;

ii. Illi t-tnejn kellhom sinjali evidenti li kellhom il-frieh;

iii. Illi qatt ma gew registrati mill-Kwerelant Vassallo mal-Koperattiva kif dovut;

Ikkunsidrat;

Illi ghalhekk jirrizulta li l-kontenut tal-ittra meritu tal-procedura odjerna kien biss jirriproduci dak li effettivament irriskontraw l-impjegati u l-membri tal-Koperattiva meta fl-ewwel lok ghamlu l-ispezzjoni, jew kif isejhilha il-President tal-koperattiva, “censiment”, u fit-tieni lok meta l-istess kwerelant ha l-majjali tieghu l-biccerija fejn anke issejhu l-veterinarji biex jivverifikaw ir-rizultanzi;

Illi mill-analizi tas-suespost, jirrizulta li l-fatti li gew sussegwentement cirkolati mill-Koperattiva lill-membri taghha huma sostanzjalment veritjieri u jirrispekkjaw dak li sab min kien involut u bl-ebda mod ma esprimew xi valutazzjoni irrilevanti fir-rigward;

Illi ghalhekk din il-Qorti hi konvinta li dak espost fl-ittra in dizamina jirrifletti l-verita` tal-fatti kif irrizultaw lill-Koperattiva ibbazat kif hu fuq investigazzjoni ta’ nies tas-sengha u bl-ebda mod, b’ daqshekk, ma juri l-animu nefast li jimmalafamaw lill-Kwerelant Vassallo;

Ghaldaqstant ma tqisx li l-Prosekuzzjoni ipprovat il-kaz taghha skond il-Ligi, u tillibera ghalhekk lill-imputati kollha fuq indikati mill-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------